

[Dan huwa messaġġ awtorizzat mibgħut mill-Bank Ċentrali Ewropew]

Numru ta' Referenza tad-Debitur Tariffarju: «Fee_Debtor_Reference_Number»

Isem id-Debitur Tariffarju: «Fee_Debtor_Name»

Jekk jogħġbok uża din il-[link](#) jekk tixtieq taqra din l-ittra b'lingwa oħra.

Għal min hu interessat,

Qegħdin niktbulek fil-kapaċità tiegħek ta' debitur tariffarju rreġistrat fil-[portal online għat-tariffi superviżorji](#) tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) sabiex nagħtuk informazzjoni li tappartjeni għaċ-ċiklu tat-tariffi superviżorji tal-BĊE 2025. Aġġornajna wkoll it-[taqsima tat-tariffi superviżorji](#) tas-sit web tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE b'informazzjoni utli dwar iċ-ċiklu tariffarju tal-2025 fil-lingwi kollha tal-UE.

L-iskadenzi importanti għaċ-ċiklu tat-tariffi superviżorji tal-2025 huma deskritti fid-dettall hawn taħt.

Sat-30 ta' Settembru 2025, id-debituri tariffarji kollha huma mitluba jlestu l-passi li ġejjin.

1. Jiżguraw li d-**dettalji ta' kuntatt** irreġistrati fil-[portal online tal-BĊE](#) huma korretti.
 - Huwa essenzjali li żżomm id-dettalji ta' kuntatt tiegħek aġġornati – partikolarment l-indirizz tal-indirizz elettroniku (email) ppreferut tiegħek, billi dan huwa l-mezz prinċipali li l-BĊE juża biex jikkomunika mad-debituri tariffarji. Inneġġuk tipprovdi indirizz tal-email għal dipartiment jew għal grupp aktar milli għal membru tal-persunal wieħed.
 - Meta tirrieżamina d-dettalji ta' kuntatt tiegħek tkun opportunità tajba li tivverifika, iżżid jew taġġorna d-dettalji tal-metodu ta' ħlas (IBAN u BIC) jekk tixtieq li t-tariffi superviżorji tiegħek jiġu debitati direttament mill-BĊE.
 - Jekk tkun trid taġġorna l-isem tal-entità legali tiegħek, jekk jogħġbok ibgħat email lil SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu.
2. Ipprovdi **notifika tad-debitur tariffarju** jekk ikun ġie stabbilit grupp bankarju ġdid jew jekk ikun hemm bidla fl-istruttura tal-grupp li taffettwa lill-kap tal-grupp jew lid-debitur tariffarju nominat. Biex tagħmel dan, imla l-[formola ta' notifika tad-debitur tariffarju](#) u ibgħatha bħala fajl PDF f'email lil SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu.
3. Il-gruppi bankarji huma meħtieġa wkoll jissottomettu **notifika tal-intenzjoni li jeskludu assi totali u/jew espożizzjoni għar-riskju** li jikkorrispondu għal sussidjarji mhux MSU, fejn applikabbli. Din in-notifika tiżgura li aħna konxji ta' liema debitori tariffarji se jn jipprovdu fatturi tariffarji f'Novembru 2025, biex jiġi żgurat li l-proċess ta' ġbir jimxi sewwa. In-notifika għandha tiġi sottomessa permezz tal-portal online. Istruzzjonijiet dettaljati huma pprovduti fit-Taqsima 3.3 tal-manwal għall-utent disponibbli fil-portal online. Jekk ma tasal ebda notifika sal-iskadenza, jiġi preżunt li l-grupp ma jixtieqx inaqas il-kontribuzzjoni ta' sussidjarji li

mhumie x MSU u għalhekk ir-rappurtar finanzjarju (FINREP) u d-data tar-rappurtar komuni (COREP) disponibbli fil-BĊE jerġgħu jintużaw. **Notifiki li jaslu tard ma jistgħux jiġu aċċettati.**

Sal-11 ta' Novembru 2025, fejn applikabbli, id-debituri tariffarji huma mitluba jissottomettu l-fatturi tariffarji lill-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti. Id-debituri tariffarji se jirċievu struzzjonijiet mingħand l-awtorità kompetenti nazzjonali tagħhom dwar kif jissottomettu l-fatturi tariffarji billi jużaw il-mudelli rispettivi.

Jannar 2026: Il-fatturi tariffarji għad-debituri tariffarji kollha se jiġu ppubblikati permezz tal-portal onlajn tal-BĊE. Id-debituri tariffarji se jkollhom 15-il jum tax-xogħol biex jirrieżaminaw u jikkummentaw dwar il-fatturi tariffarji ppubblikati fil-portal. Email li tħabbar id-disponibbiltà tal-fatturi tariffarji fil-portal online tal-BĊE u l-bidu tal-perjodu għal kummenti se tintbagħat lid-debituri tariffarji kollha permezz tal-indirizz tal-email ippreferut irreġistrat fil-portal online.

Marzu 2026: Il-BĊE se jippubblika l-ammont totali li għandu jiġi intaxxat għall-perjodu tariffarju tal-2025 u l-istima tal-ammont totali li għandu jiġi impost għall-perjodu tariffarju tal-2026.

Mejju 2026: L-avviżi tariffarji għandhom ikunu disponibbli permezz tal-portal onlajn tal-BĊE. Dawn se jkunu disponibbli fil-lingwa tal-UE ppreferuta tad-debitur tariffarju, sakemm il-preferenza lingwistika tkun indikata qabel ma l-korrispondenza tiġi prodotta fis-sistema. Istruzzjonijiet dwar kif tagħżel il-lingwa tal-korrispondenza jistgħu jinstabu fit-Taqsima 3.1 tal-manwal tal-utent fil-portal onlajn. L-iskadenza għall-ħlas tat-tariffa hija 35 jum wara l-ħruġ tal-avviż tat-tariffa.

Għal kwalunkwe mistoqsija dwar l-obbligi tiegħek bħala debitur tariffarju, jew għal kwalunkwe mistoqsija oħra relatata mat-tariffi superviżorji, jekk jogħġbok ikkonsulta t-[taqsima dwar it-tariffi superviżorji](#) tas-sit web tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE jew l-ECBot. Il-BĊE lest ukoll li jipprovdi lek l-għajnuna meħtieġa, preferibbilment permezz ta' email (SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu).

Dejjem tiegħek,

It-tim tal-informazzjoni dwar it-tariffi MSU tal-BĊE